Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 136/2018

**Monsinjur Edgar Vella għan-nom tal-*Metropolitan Chapter Mdina***

(appellant)

**vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**

(appellata)

4 ta' Ottubru, 2019.

1. **Il-kawża titratta applikazzjoni għal-permess sabiex jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u umbrelel quddiem id-daħla tal-Mużew Konkatidrali tal-Imdina. Talba miċħuda mill-Awtorita` tal-Artijiet għar-raġuni li tmur kontra l-Policy P1(ii) tal-*Outdoor Catering Areas on Public Open Space*.**

2. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Novembru 2018, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` tal-Artijiet informa lill-Monsinjur Aloysius Deguara illi b'deċiżjoni tad-29 ta' ta' Novembru 2018 l-applikazzjoni tiegħu (PLA1/2018/1291) biex iqiegħed imwejjed, siġġijiet u quddiem il-Mużew Konkatidrali tal-Imdina kienet ġiet miċħuda "*peress li tmur kontra l-Policy P1(ii) tal-OCA Policy".*

3. Fil-31 ta' Diċembru 2018[1], il-Monsinjur Edgar Vella għan-nom tal-Metropolitan Chapter Mdina ikkontesta d-deċiżjoni permezz ta' rikors ta' appell quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva u talbu:

[1] Fol 1

(i) iħassar id-deċiżjoni tal-Awtorita` tal-Artijiet tat-30 ta' Novembru 2018 fejn ġiet miċħuda l-applikazzjoni tal-Kapitolu għall-*encroachment* fi Pjazza tal-Arċisqof, Imdina (Applikazzjoni Nru PLA1/2018/1291);

(ii) jiddikjara li d-dritt ta' *encroachment* mitlub mill-Kapitolu permezz tal-imsemmija applikazzjoni għandu jingħata mill-Awtorita` tal-Artijiet; u

(iii) jiddikjara li l-proċess dwar l-applikazzjoni tal-Kapitolu għall-estenzjoni tal-permess PA7038/17 għandu jitkompla skont il-liġi u skont id-dispożizzjonijiet tal-OCA Policy.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` tal-Artijiet.

4. B'sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019[2], It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ċaħad l-appell kontra r-rikorrent.

5. B'rikors preżentat fit-12 ta' Lulju 2019 ir-rikorrent appella mis-sentenza tat-Tribunal u talab lil din il-qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu kif dedotti fir-rikors tal-31 ta' Diċembru 2018, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorita` tal-Artijiet.

6. Fil-qosor l-aggravji tar-rikorrent huma:

(i) Fl-ewwel lok id-deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla għaliex ma wiżnitx b'mod ġust in-nuqqas tal-Awtorita` tal-Artijiet li tagħti r-raġunijiet speċifiċi għaliex kienet irrifjutat li tilqa' l-applikazzjoni tal-Kapitolu, u li għalkemm ċanfret lill-istess Awtorita` fir-rigward ta' dan in-nuqqas, ma qisitx li tali nuqqas jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

(ii) Fit-tieni lok it-Tribunal naqas milli jagħti konsiderazzjoni xierqa lis-sottomissjonijiet tiegħu fis-sens li jara li l-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi qegħdin jimxu b'konsistenza ma' kulħadd, u li fejn ma jkunx il-każ jintervjeni;

(iii) Fit-tielet lok, id-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu hija bbażata fuq il-fatt li l-Kapitolu jista' jpoġġi mwejjed u siġġijiet ġewwa l-istabbiliment tal-Mużew hija hija irrilevanti;

[2] Fol 108 et seq.

(iv) Fir-raba' lok, id-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu hija bbażata fuq il-fatt li l-parkeġġ tal-vetturi huwa illegali, ma jirriżultax mill-provi prodotti, u fi kwalunkwe każ is-suġġerimenti tat-Tribunal li l-istess parkeġġ jista' jitwaqqaf b' infurzar aħjar jew billi jsiru l-bollards, huma ipotetiċi u ma hemmx provi li dan fil-fatt jista' jsir;

(v) Fil-ħames lok, id-deċiżjoni tat-Tribunal mhux ġusta, fis-sens li mhux minnu li l-installazzjoni (temporanja) proposta ser ixxekkel jew tiżnatura l-pjazza in kwistjoni mis-sbuħija tagħha, tant li l-evalwazzjoni teknika ma qajmet l-ebda tħassib dwar dan.

7. Fil-5 ta' Awwisu 2019 l-Awtorita` appellata tat ir-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tar-rikorrent *nomine* jimmerita li jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata kkonfermata.

**Fatti.**

8. Il-fatti prinċipali huma:-

- Fl-2017 il-Kapitolu Metropolitan tal-Imdina applika mal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex *inter alia* jinħareġ permess għal "*coffee shop*" fid-daħla tal-Mużew Konkdatidrali tal-Imdina (PA/07038/17), liema permess intlaqa' f' Jannar 2018.

- Sussegwentement il-Kapitolu issottometta applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ippjanar għal estenzjoni ta' tali permess (PA/07038/17), sabiex jinkludi permess għal *chair lift* u wkoll permess biex jitqegħdu **ħames imwejjed bis-siġġijiet u tliet umbrelel quddiem id-daħla tal-Mużew.**

- L-applikazzjoni għall-estenzjoni tal-permess saret abbażi tal-"*Policy, Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space tas-sena 2016"* (OCA Policy) kif maħruġ (i) mill-Awtorita` Maltija għat-Turiżmu, (ii) mill-Awtorita` dwar l-Ippjanar, (iii) mill-Awtorita` tal-Artijiet u (iv) mill-Awtorita` f' Malta għat-Trasport.

- Peress li t-tqegħid propost ta' imwejjed, siġġijiet u umbrelel fil-pjazza in kwistjoni jikkostitwixxi ***encroachment* li jrid jiġi approvat mill-Awtorita` tal-Artijiet,** saret applikazzjoni da parti tal-Kapitolu għal permess f' dan ir-rigward mal-Awtorita` tal-Artijiet.

- Fir-rapport relattiv (Bord Memo) liema rapport wasal għand il-Bord tal-Gvernaturi fit-22 ta' Novembru 2018, il-*Case Officer* Jurgen Spiteri ikkwota mill-Minuta Nru 7 tal-Perit S Scotto, senjatament:

  "*The proposed chair lift will be an alternative to the large ramp currently installed. The proposed area for tables and chairs is in an area which is effectively pedestrian priority with heavily restricted traffic flow. Hence there are no particular issues.*"

  u abbażi ta' tali konklużjoni tal-perit Scotto, irrakkomanda li l-applikazzjoni tintlaqa'.

- Minkejja tali rakkomandazzjoni, il-Bord tal-Gvernaturi fid-29 ta' Novembru 2018 ċaħad l-applikazzjoni tal-Kapitolu ***"Peress li tmur kontra l-Policy P1(ii) tal-OCA Policy."***

  (Jiġi spjegat li l-imsemmija Policy P1 taqra hekk:

  "*P1 – Outdoor Catering Areas – general design principles*

  *The Outdoor Catering Area including the outdoor furniture and other related structures or equipment shall not extend beyond the permitted area and shall not encroach further on government-owned land.*

  *The proposed Outdoor Catering Area shall only be permitted if:*

  *i(a) it does not entail damage to existing heritage buildings, particularly scheduled properties and properties within Urban Conservation Areas, monuments, archaeological features including underground shelters, cisterns, or water galleries, rubble walls and natural stone paving;*

  *i(b) it does not adversely affect important natural areas, such as Special Areas of Conservation, Special Protection Areas, Areas of Ecological Importance, Sites of Scientific Interest, and other similarly protected areas;*

  *ii)* ***in the opinion of the permitting Authorities it does not adversely affect the characteristics of the public open space of significant historical, architectural, natural or social importance[3]; and***

  *iii) it does not conceal important architectural or natural features."*)

**XHIEDA:**

9. **Il-Perit Vincent Buhagiar** fix-xiehda tiegħu tal-25 ta' Frar 2019 spjega li l-Kapitolu kien inkarigah biex japplikalu għall-permess rigwardanti l-*coffee shop*

[3] enfażi ta' din il-qorti.

fil-Mużew tal-Katidral u li wara li inħareġ tali permess għamlu rikjesta biex tali permess jiġi estiż ukoll biex jikkomprendi t-tqegħid ta' ħames imwejjed żgħar barra. Spjega li l-Awtorita` tal-Ippjanar talbu li jkun hemm il-*clearance* da parti tal-Awtorita` tal-Artijiet, liema *clearance* ma ingħatax, u għalhekk il-vertenza odjerna.

10. Xehed li l-iskop tal-imwejjed barra, apparti milli biex jestendu t-*table area* mill-*coffee shop* għal barra, kien ukoll biex jiġi evitat li jipparkjaw vetturi viċin tal-bini. Spjega li l-imwejjed kif proposti kienu ser ikunu *single line* man-naħa tal-lemin tal-faċċata tal-bini fejn tinsab ir-rampa[4], liema rampa imbagħad titneħħa. Qal li għalkemm fil-proposta tal-estenzjoni tal-permess talbu li jsir *chairlift,* qed jikkunsidraw li minflok *chairlift* jagħmlu rampa simili għal dik li hemm bħalissa, li titpoġġa fuq in-naħa tax-xellug. Żied jgħid li fil-post fejn jixtiequ li jinħarġu l-imwejjed bħalissa jipparkjaw vetturi li mhux biss iħallu qtar taż-żejt iżda wkoll itajjru d-dħaħen meta jiġu biex jistartjaw, liema dħaħen huma ta' ħsara għall-bini. Qal ukoll li t-tqegħid tal-imwejjed mhux ser ikollu impatt fuq il-flow tat-traffiku[5]. Enfasizza li l-imwejjed huma xi ħaġa temporanja fis-sens li fil-għaxija jitneħħew, u in oltre meta jkun il-bard fix-xitwa ma jinħarġux.

11. **Il-Monsinjur Edgar Vella** fix-xiehda tiegħu tal-25 ta' Frar 2019 spjega li l-pożizzjoni tiegħu fi ħdan il-Kapitolu hi ta' kuratur u direttur tal-Mużew tal-Katidral. Qal li fejn hu propost li jitqegħdu l-imwejjed huwa mal-faċċata tal-bini tal-Mużew. Qal li kuntrarjament għall-imwejjed li jinsabu fil-pjazza tax-Xara Palace, li għandhom canopies u li allura huma semi-permanenti, l-imwejjed proposti mill-Kapitolu huma temporanji għaliex kull fil-għaxija jitneħħew "*u jiġi kollox clean*".

12. **Dr Anita Giordmaina,** mill-Awtorita` tal-Artijiet, fix-xiehda tagħha tat-8 ta' April 2019 ikkonfermat li l-permess għall-*encroachment* ma nħariġx minħabba Policy 1(ii) tal-OCA Policy. Spjegat li l-Bord tal-Gvernaturi ħass li t-tqegħid tal-

[4] vide photomontage b'interpretazzjoni ta' kif hu propost li jitqegħdu l-imwejjed/siġġijiet/umbrelel (fol 32).
[5] vide Dok VB1 – pjanta (fol 49).

imwejjed, siġġijiet u umbrelel:

"....*se jaffetwaw l-integrita` tal-faċċata tal-istruttura u l-iskultura li hemm magħha u li l-poplu minflok ħa jibqa' jgawdi l-iskultura ħa jiġi jara l-imwejjed u s-siġġijiet u ovvjament il-konsegwenti umbrelel li se jġibu magħhom."*

13. In kontro-eżami spjegat li għalkemm fir-rapport tal-*Case Officer* kien ġie rakkommandat lill-Bord tal-Gvernaturi li l-applikazzjoni tal-Kapitolu tintlaqa', dan ikun biss "*suġġeriment*" tal-istess Case Officer, għaliex finalment huwa l-Bord li jiddeċiedi. Mistoqsija għaliex il-Bord mar kontra r-rakkomandazzjoni, wieġbet li l-Bord ikun ra li dak mitlub imur kontra l-Policy. Kompliet li l-perit Scotto jkun ħa in konsiderazzjoni tekniċi, filwaqt li l-Bord jkun qies "*l-użu tal-art u kif se jiġi affettwat il-historical site".*

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

14. Din il-qorti issa ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tar-rikorrent appellant *nomine*.

15. **<u>Fl-ewwel aggravju</u>** isostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal hi nulla għaliex ma qisitx b'mod ġust in-nuqqas tal-Awtorita` tal-Artijiet li jagħti r-raġunijiet speċifiċi li abbażi tagħhom ċaħdet l-applikazzjoni tiegħu, liema nuqqas jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

16. <u>Fid-deċiżjoni jingħad ċar u tond li l-applikazzjoni ġiet miċħuda minħabba li tmur kontra l-policy P1(ii) tal-OCA Policy</u>.

17. It-Tribunal osserva li min irċieva d-deċiżjoni aktarx li kellu bżonn jikkonsulta l-OCA Policy biex jifhem eżatt ir-raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni, madanakollu deherlu li b'daqshekk ma jistax jingħad li r-raġuni mogħtija ma kinitx "speċifika" u li konsegwentement tikser l-Artikolu 13 tal-Att Dwar l-Awtorita` tal-Artijiet.

18. Ir-rikorrent appellant *nomine* pero` jirreferi għaċ-"ċanfira" li t-Tribunal tat lill-Awtorita`tal-Artijiet mhux biss stedinha biex *"tkun aktar elokwenti fid-*

*deċiżjonijiet tagħha*" iżda wkoll ikkummenta li "*jawspika illi (fil-futur) id-deċiżjonijiet tal-Awtorita` intimata jkunu jistgħu jinftehmu minn min kellu jirċevihom mal-ewwel daqqa' t'għajn u mhux wara li jrid jagħmel riċerka tal-policies*". Jilmenta li biex wasal għamel dawn l-osservazzjonijiet ifisser li t-Tribunal ħass li l-Awtorita` tal-Artijiet naqset mid-"*duty to give reasons*" u konsegwentement kellu jikkonkludi li d-deċiżjoni tagħha kellha tiġi impunjata. Iċ-"ċanfira" tat-Tribunal pero`, tirrigwarda l-fatt li l-Bord tal-Gvernaturi fid-deċiżjoni tiegħu sempliċiment irrefera għall-Policy 1(ii) tal-OCA Policy minflok ma' rrefera għall-kontenut tal-Policy 1(ii), u mhux għaliex naqas mid-"*duty to give reasons*".

19. Ir-rikorrent appellant *nomine* jargumenta wkoll li l-Policy P1(ii) tirreferi għal "<u>opinjoni</u>" u ma tistax titqies bħala "<u>raġuni speċifika</u>" kif titlob il-liġi fl-Artikolu 13(ċ), li jistipula li:

> *"Meta l-Bord jivvota kontra rakkomandazzjoni jew deċiżjoni meħuda mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, u b'hekk iħassar l-imsemmija rakkomandazzjoni jew deċiżjoni, il-Bord għandu jirreġistra fil-proċess relattiv ir-raġunijiet speċifiċi magħmula minnu sabiex jiġġustifika l-vot tiegħu."*

20. Il-qorti ma taqbilx. Il-Policy P1(ii) tipprovdi li l-awtoritajiet konċernati jistgħu jagħtu permess għal "*outdoor catering*" f' spazju pubbliku li jkollu importanza sinifikanti storika, arkitettonika, naturali jew soċjali <u>meta jkunu tal-opinjoni</u> li tali "*outdoor catering*" ma jkunx ser jaffettwa b'mod negattiv il-karatteristiċi tal-ispazju pubbliku.

21. Għaldaqstant Policy P1(ii) tħalli d-deċiżjoni fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet konċernati, u kwalsiasi rifjut da parti tagħhom ta' applikazzjoni għal "*outdoor catering*" hi bażata fuq il-fehma tagħhom. Għal din il-qorti hu ovvju li meta l-Bord tal-Gvernaturi fl-ittra tiegħu tat-30 ta' Novembru 2018 irrefera għall-Policy P1(ii) bħala raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni, effettivament ta r-raġuni għar-rifjut. B'dik id-deċiżjoni l-Bord iddikjara li t-tqegħid ta' imwejjed, siġġijiet u umbrelel kien ser iħalli impatt negattiv fuq il-bini li hu parti mill-wirt storiku u l-ispazju miftuħ.

22. **<u>Fit-tieni aggravju</u>** jilmenta li t-Tribunal naqas li jagħti konsiderazzjoni xierqa lis-sottomissjoni tiegħu fis-sens li jara li l-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi qegħdin jimxu b'konsistenza ma' kulħadd, u li fejn ma jkunx il-każ jintervjeni.

23. Jiġi spjegat li r-rikorrent *nomine* fis-sottomissjonijiet quddiem it-Tribunal kien aċċenna għall-fatt li fi pjazez oħra fl-Imdina tal-istess valur li għandha din odjerna inħareġ permess ta' *encroachment* u għalhekk argumenta li l-Awtorita` tal-Artijiet kellha tiddeċiedi dwar kwistjonijiet pubbliċi b'konsistenza sabiex il-pubbliku ikun jaf x' inhuma l-"*aspettattivi leġittimi*" tiegħu. Dwar dan il-punt it-Tribunal iċċita fit-tul mis-sentenza l-insenjament mogħtija fis-6 ta' Mejju 2019 minn din il-Qorti tal-Appell Inferjuri (kif preseduta) fil-kawża fl-ismijiet "<u>The Waterfront Hotel Limited vs l-Awtorita` tal-Artijiet</u>", fejn għamlet distinzjoni bejn "*a reasonable expectation*" u "*a legitimate expectation*" u irriteniet li l-fatt li persuna jkollha "*a reasonable expectation*" li l-applikazzjoni tagħha tiġi trattata bl-istess mod ta' applikazzjoni ta' persuna oħra li tkun ġiet qabilha, ma tammontax għal "a *legitimate expectation*", meta ma tkun ġiet imwegħda xejn. It-Tribunal stqarr li ma kellu xejn x' iżid ma' tali insenjament u addottah għall-każ odjern.

24. Ir-rikorrent appellant *nomine* enfasizza l-fatt li f'pjazza fejn tinsab il-lukanda Xara Palace, pjazza ferm iżgħar minn dik in kwistjoni, ir-ristorant tal-istess Xara Palace (Trattoria A.D.1530) effettivament ingħata *encroachment*. Fil-fatt fl-atti kien anke esebixxa ritratti tal-installazzjoni li tinsab f' din il-pjazza. Jargumenta hekk:

> "*Dik il-pjazza hija ferm iżgħar minn dik mertu tal-każ odjern u l-installazzjoni permess mill-Awtorita` appellata hija ferm ikbar u ta' natura aktar permanenti. Ma hemmx dubju wkoll illi l-valur arkitetturali, storiku, u soċjali ta' dawk l-inħawi huma ta' importanza daqstant kbira ta' dawk tal-pjazza tal-Arċisqof. Biżżejjed li wieħed isemmi illi dik il-pjazza tospita il-Palazz de Vilhena fost binjiet importanti oħra. L-impatt viżiv ta' dawn l-installazzjonijiet permessi mill-Awtorita` appellata huma ferm u ferm akbar minn dawk proposti illum, iżda f' dak il-każ l-Awtorita` tat il-permess għal encroachment – nuqqas ta' konsistenza liema bħalha.*"

25. Għandu jiġi apprezzat fl-ewwel lok li mhux kull pjazza fl-Imdina hija bħall-oħra, u għalhekk bil-fatt innifsu li jkun ingħata permess għal *encroachment* f'pjazza waħda (għar-raġunijiet partikolari relattivi tal-każ) ma jfissirx li awtomatikament għandu jingħata permess għal *encroachment* f' kull pjazza oħra fl-Imdina. Il-każ li semma r-rikorrent nomine mhuwiex każ ta' like with like.

26. Biex din il-qorti ssemmi differenza **waħda biss** bejn il-pjazza in kwistjoni u dik ta' quddiem ix-Xara Palace: għalkemm fil-pjazza ta' quddiem ix-Xara Palace, huwa minnu – kif jgħid ir-rikorrent appellant *nomine* - li jinsab il-Palazz de Vilhena (palazz mibni fis-seklu tmintax fuq inkarigu tal-granmastru de Vilhena), huwa biss il-<u>parti laterali</u> tal-Palazz de Vilhena li jinsab f' tali pjazza, a differenza tal-pjazza tal-Arċisqof in kwistjoni fejn il-bini tal-Mużew tal-Konkatidral (li skont ix-xiehda tar-rikorrent *nomine* stess inbena ukoll fis-seklu tmintax bħala seminarju) għandu l-<u>faċċata kollha</u> tiegħu – faċċata ferm imponenti - fil-pjazza tal-Arċisqof fejn hemm ukoll il-palazz tal-Arċisqof. Pjazza li sal-lum mhemmx provi li hemm fiha siġġijiet, imwejjed u umbrelel għal *catering*.

27. In oltre hija ferm valida r-risposta tal-Awtorita` tal-Artijiet fir-rigward, u cioe` li l-argument li jagħmel ir-rikorrent *nomine* huwa pjuttost wieħed "perikoluz", għaliex ifisser li jekk ikun ingħata permess, il-Bord jiġi li għandu jibqa' jieħu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-fatt li diġa ingħata permess, anke jekk tali permess ma jkunx ingħata fl-aħjar interess tal-pubbliku. Din il-qorti taqbel li ma tistax tiġi imposta l-prassi ta' "preċedent" fuq l-Awtorita` tal-Artijiet. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Fil-memo tal-bord a fol. 62 jissemma wkoll li *"...there is only one encroachment permit few streets away"*. B'daqshekk ma jfissirx li l-Bord kellu jiddeċiedi favur l-ogħti tal-permess, kif jidher li qiegħed jippretendi r-rikorrent nomine.

28. **<u>Fit-tielet aggravju</u>** tiegħu r-rikorrent *nomine* isostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija irrilevanti in kwantu hija bbażata fuq il-fatt li l-Kapitolu jista' jpoġġi mwejjed u siġġijiet ġewwa l-istabbiment tal-Mużew. Kif wieġbet l-intimata, kull m'għamel it-Tribunal hu li kkummenta dwar fatt li kien irriżulta mill-provi. Fatt li fih innifsu

jindika li mhemmx xi ħtieġa impellenti li tingħata l-konċessjoni.

29. **<u>Fir-raba' aggravju</u>** r-rikorrent *nomine* isostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija irrilevanti in kwantu hija bbażata fuq il-fatt li l-parkeġġ tal-vetturi huwa illegali, ma jirriżultax mill-provi prodotti, u li fi kwalunkwe każ is-suġġerimenti tat-Tribunal li l-istess parkeġġ jista' jitwaqqaf b'infurzar aħjar jew billi jsiru l-bollards, huma ipotetiċi u ma hemmx provi li dan fil-fatt jista' jsir.

30. Sabiex jiġi evitat li jipparkjaw vetturi biswit il-faċċata tal-mużew mhuwiex essenzjali li jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u umbrelel. Hemm mezzi oħra sabiex jiġi assigurat li ma jsirx *parking* biswit il-faċċata tal-mużew. Fil-fehma tal-qorti l-argument tal-*parking* mhu xejn għajr skuża banali sabiex ir-*rikorrent nomine* jipprova jiġġustifika l-applikazzjoni u jagħmel qliegħ minn spazju pubbliku. Argument li ma jimpressjonax lil din il-qorti.

31. **<u>Fil-ħames aggravju</u>** tiegħu ir-rikorrent appellant *nomine* jgħid li ma jħossx li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta in kwantu dak propost mhux ser ixekkel jew tiżnatura l-pjazza in kwistjoni mis-sbuħija tagħha. Jaċċenna għall-fatt li l-karatteristiċi arkitettoniċi speċjali fil-faċċata tal-binja jinsabu fid-daħla prinċipali tal-binja li hija imżejna bi statwi imponenti, u jenfasizza li t-tqegħid ta' imwejjed, siġġijiet u umbrelel <u>mhux ser tgħatti jew tostakola tali daħla.</u>

32. Il-qorti ma taqbilx. Hu evidenti li l-Bord ħass il-ħtieġa li jipproteġi pjazza l-Arċisqof, fejn hemm ukoll il-palazz tal-Arċisqof, kif ukoll il-faċċati majestużi tal-bini li hemm u jevita l-introduzzjoni ta' parti kummerċjali fi spazju pubbliku u storiku. Meta wieħed jara l-faċċata tal-bini in kwistjoni, mhemmx għalfejn ikun professur biex mill-ewwel jinduna li dak li qiegħed jipproponi r-rikorrent ma jmurx mal-ambjent.

33. Dan apparti li kif argumentat l-Awtorita', id-diskrezzjoni rigward jekk l-applikazzjoni tintlaqax hi f'idejn il-Bord tal-Gvernaturi u mhux it-Tribunal jew din il-qorti.

34. Din il-qorti mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li l-argumenti tar-rikorrent nomine ma jikkonvinċuhiex li d-deċiżjoni tal-Bord hi manifestament irraġonevoli. L-interess tal-Monsinjur Vella li jagħmel użu minn spazju pubbliku sabiex fuqha jagħmel imwejjed, siġġijiet u umbrelel għal skop ta’ negozju mhuwiex l-interess tal-pubbliku. Kull awtorita’ pubblika għandha d-dmir li tissalvagwardja fl-interess pubbliku waħda mill-ġojjelli prinċipali ta’ pajjiżna, kif inhi l-Mdina.

**Għal dawn il-motivi, din il-qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent appellant *nomine* u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess rikorrent appellant *nomine.***

Anthony Ellul.